REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 698/2013

tad-19 ta' Lulju 2013

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura ta' prodotti, minn hawn 'il quddiem imsejħa n-Nomenklatura Magħquda, li hija stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2009 fil-Kawżi Konġunti C-410/08 sa C-412/08 ("Swiss Caps") ippreżentat paradigma ġdida għall-klassifikazzjoni ta' "*supplimenti tal-ikel*".

(3) Fuq naħa waħda, il-paragrafu 29 ta' din is-sentenza jistipula li "*l-użu maħsub ta' prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv għall-klassifikazzjoni jekk huwa inerenti għall-prodott*". Min-naħa l-oħra, il-paragrafu 32 jiddikjara li l-preżentazzjoni f'kapsuli huwa "*fattur deċiżiv li juri l-funzjoni tagħhom bħala suppliment tal-ikel, peress li tiddetermina d-dożaġġ ta' preparazzjonijiet li jittieklu, il-mod li bih jiġu assorbiti u l-post fejn huma mistennija li jsiru attivi*".

(4) Konsegwentement, skont id-deċiżjoni tal-Qorti, prodotti li huma użati bħala supplimenti tal-ikel biex tinżamm issaħħa jew il-benesseri ġenerali u li huma ppreżentati f'kapsuli huma kklassifikati taħt l-intestatura 2106 bħala "*preparazzjonijiet tal-ikel mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor*".

(5) Madankollu, il-problemi ta' klassifikazzjoni ta' tariffi jistgħu jinqalgħu fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' prodotti bl-istess kompożizzjoni, l-istess skop, li fihom doża mkejla, iżda li huma ppreżentati f'pastilji jew pilloli.

(6) Għalhekk, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti tan-Nomenklatura Magħquda, il-klassifikazzjoni ta' preparazzjonijiet tal-ikel ippreżentati f'doži ta' kejl, bħalma huma l-kapsoli, l-pastilji u l-pilloli u li huma maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel, għandhom iqisu l-kriterji żviluppati fil-Kawżi Konġunti C-410/08 sa C-412/08 ("Swiss caps").

(7) Għalhekk għandha tiddaħħal Nota Addizzjonali ġdida fil-Kapitolu 21 tan-Nomenklatura Magħquda biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu 21 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, qed tiddaħħal in-Nota 5 Addizzjonali li ġejja:

"5. *"Preparazzjonijiet oħra tal-ikel ippreżentati f'doži mkejla, bħal pereżempju, kapsuli, pastilji u pilloli, u li huma maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel għandhom ikunu kklassifikati taħt l-intestatura 2106, sakemm ma humiex xi mkien ieħor speċifikati jew inklużi."*

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.